Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri - Ghawdex)

Imħallef Anthony Ellul

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2018.

Appell numru: 1/2018

**George Scicluna (appellat)**

**vs**

**George, Joseph, u Peter ahwa Grech (appellanti)**

1. Permezz ta' avviz tat-talba prezentat fit-23 ta' Marzu 2016 fit-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur, l-attur spjega li fi Frar, 2014 kien xtara linfa minghand Grech Central Stores ghall-prezz ta' €1200. Sussegwentement ghall-habta ta' Awwissu tas-sena 2015, innota li din bdiet titqaxxar f'xi nhawi. Kellem lill-konvenuti izda baqa' minghajr twegiba. Ghalhekk talab lit-Tribunal sabiex jordna li tinbidel il-linfa jew li jzomm l-istess linfa izda l-appellanti jirrifondu s-somma ta' €800.

2. Fit-twegiba pprezentata fit-30 ta' Mejju 2016, il-konvenuti qalu: (i) it-talba attrici kienet infondata fil-fatt u fid-dritt; (ii) il-linfa qatt ma kienet tnaddfet u kienet tinsab f'kamra umduza u maghluqa; (iii) kienu pproponew diversi soluzzjonijiet ghall-kwistjoni, izda l-attur irrifjutahom; (iv) l-attur ma setax izomm il-linfa u jitlob ghar-rifuzjoni tal-prezz.

3. B'decizjoni tat-23 ta' Frar 2018, it-Tribunal tal-Konsumatur iddecieda billi laqa' t-talba tal-attur u kkundanna lill-konvenuti sabiex jirrifondu s-somma ta' €1,200 u jiehdu lura l-linfa in kwistjoni. It-Tribunal qal:

*"…. Irrizulta illi wara xi xhur din il-linfa bdiet titqaxxar u minkejja li l-konvenuti allegaw diversi ragunijiet kif dan seta' sar, l-ebda wahda minn dawn l-allegazzjonijiet ma giet ippruvata u lanqas ma rrizulta xi uzu aggressiv jew inadegwat min-naha tar-rikorrent. Ghalhekk dak illi qalu l-konvenuti jibqghu biss spekulazzjonijiet mhux ippruvati fejn allura jibqa' biss il-fatt li ghal xi raguni mhux imputabbli lir-rikorrent, din il-linfa gratilha l-hsara. Huwa nutli ghall-konvenuti li*

*jgibu l-iskuza li s-supplier taghhom ma riedx jerfa' responsabbilta'. Kienu huma illi bieghu l-linfa, kienu huma li rcevew il-flus u kwindi huma obbligati li jikkunsinaw l-oggett u jaghtu l-garanzija fuq imsemmija. Ghalhekk it-Tribunal jidhirlu li f'dan il-kaz ir-rikorrent ghandu ragun. Il-linfa kellha difett illi ma deherx fil-bidu nett tal-bejgh u ghalhekk ghandu jitqies bhala latent u ta' responsabbilta' tal-konvenuti".*

4. B'rikors prezentat fit-8 ta' Marzu, 2018 il-konvenuti appellaw mis-sentenza. L-aggravji huma: (i) is-sentenza kienet *ultra petita* jew *extra petita*; u (ii) gie applikat skorrettement il-principju legali li min jallega jrid jipprova.

5. L-attur wiegeb li wisq probabbli l-konvenuti kienu ressqu l-appell taghhom a tenur tas-subartikolu 22(2)(c) tal-Kap. 378, l-aggravji taghhom kellhom jigu michuda, bl-ispejjez kontrihom.

6. Il-qorti qrat l-atti.

**Konsiderazzjoni.**

7. L-appellanti jfissru l-ewwel aggravju fis-sens li r-rimedju li talab l-attur mhuwiex dak li nghata mit-Tribunal. B'riferenza ghal dan l-aggravju l-attur iddikjara li:

*"…. Jirrimetti ruhu ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti* ***b'dan illi huwa jaqbel mal-konvenuti appellanti illi l-attur talab li "jew tinbidel il-linfa u ninghataw ohra gdida jew ninghataw 800 euro u nzommu l-linfa",*** *filwaqt li t-Tribunal iddecieda "illi l-konvenuti jirrifondu s-somma ta' elf mitejn Euro lir-rikorrent bi dritt tal-konvenuti li jiehdu lura l-linfa wara li jsir l-imsemmi hlas".*

8. Hu minnu li fl-avviz tat-talba fil-parti stampata *"KEMM? Ghid kemm hu l-ammont mitlub mill-intimat"*, inkitbet is-somma ta' €1,200. Madankollu fil-parti fejn hemm deskrizzjoni ta' x'gara, l-attur iddikjara car u tond x'rimedju ried. Dan kif wara kollox ikkonferma fit-twegiba ghar-rikors tal-appell.

9. Dan ifisser li t-Tribunal ta lill-appellat dak li ma talabx, cjoe' li jinhall il-kuntratt ta' bejgh u li jithallas lura l-prezz tal-linfa.

10. Fir-rigward tat-tieni aggravju, l-appellanti jsostnu li l-appellat ma gab l-ebda prova li, *"… juri li dan kien minhabba difett fil-linfa u mhux xi haga attribwibbli ghal xi azzjoni jew ommissjoni tieghu stess"*. L-appellat gab prova li fuq il-linfa hargu tikek bojod, fil-parti ta' fuq. Oggett li jkun difettuz, ma jkunx konformi mal-kuntratt (ara artikolu 73 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur). Oggett irid juri l-kwalita' li huma normali f'oggetti tal-istess tip.

11. Fl-avviz tat-talba l-appellat ippremetta:

*"F'Awwissu tal-2015 innutajna li kien hemm inhawi fejn il-linfa kienet lewn id-deheb li bdew jitqaxxru u jinkixef kulur griz".*

12. Fit-twegiba li pprezentaw quddiem it-Tribunal, l-appellanti taw eccezzjoni fil-meritu li taqra:-

*"2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, huwa sottomess li d-dannu li qed isofru minnhom ir-rikorrenti gie kkagunat mhux minhabba xi difetti fil-linfa izda minhabba li (i) din il-linfa qatt ma giet imnaddfa mill-abra kemm ilha fil-pussess tar-rikorrenti u (ii) din il-linfa tinsab go kamra umduza u maghluqa".*

13. Skont l-artikolu 80 tal-Kap. 378:

*"Sakemm ma jiġix ippruvat xort'oħra, kull nuqqas ta' konformità li **wieħed jista' jinduna bih fi żmien sitt xhur mill-kunsinna tal-oġġetti** għandu jitqies **bħala li jkun eżista filwaqt tal-kunsinna**, meta din il-presunzjoni tkun fil-biċċa l-kbira kompatibbli max-xorta tal-oġġetti jew max-xorta ta' nuqqas ta' konformità".*

14. F'dan il-kaz il-linfa nxtrat fis-27 ta' Frar, 2014 u l-appellat xehed li nduna bil-problema f'Awissu, 2015. Ghalhekk il-presunzjoni ma tapplikax.

15. Miriam Scicluna xehdet li kienet tuza duster sabiex tnaddaf il-frame tal-linfa. Ma qalitx li fuqha kienet tpoġġi xi kimika. Kompliet, *"Jien kont qed nimsah in-naha ta' fuq u taret iz-zebgha"*. Il-linfa kienet ilha li nxtrat mis-27 ta' Frar, 2014 u z-zebgha tqaxxret f'Awissu, 2015 cjoe' iktar minn sena wara. Ma tezisti l-ebda prova li z-zebgha tqaxxret ghal xi raguni li tissemma fit-tieni eccezzjoni tal-appellanti.

16. Hu minnu li George Scicluna xehed li mill-konsenja ta' linef din kienet l-unika wahda li dwarha nqalghet il-problemi. Pero' b'daqshekk ma jfissirx dak li gara kien tort tal-appellat. Miriam Scicluna stess qalet li kulma kienet taghmel hu li timsah il-linfa bid-duster, u ma sarilhiex kontro-eżami li fih ikkontradiċiet dak li qalet fl-eżami. Il-qorti tifhem li probabbilment kieku Miriam Scicluna kienet tnaddafha billi tuza xi kimika, iz-zebgha kienet titqaxxar madwar il-linfa kollha u mhux fuq il-parti ta' fuq biss. L-istess ragunament japplika fir-rigward tat-tezi tal-appellanti li l-linfa qeghdha f'kamra umduza jew kif intqal fit-tieni eccezzjoni ghaliex il-linfa ma kinitx titnaddaf mill-abra. Il-qorti zzid li dwar l-allegata umdita' ma ngabet l-ebda prova dwar il-livell ta' umdita' li hemm fil-kamra u li bl-umdita' titqaxxar iz-zebgha.

17. Louise Saliba Grech, xhud tal-appellanti, xehdet: *"Kurjuza kif it-tikek fuq in-naha ta' fuq biss ghax kieku difett fil-materjal johrog kullimkien u mhux fuq in-naha ta' fuq biss".* Fil-fehma tal-qorti din hi biss spekulazjoni.

18. Il-fatt li l-parti ta' fuq tal-linfa tintmesah b'duster ma kellux iwassal biex jitqaxxru partijiet miz-zebgha (ara ritratti). Fih innifsu din hi ndikazzjoni li f'dawk il-partijiet tal-linfa kien hemm difett.

19. Fic-cirkostanzi l-qorti tikkonkludi li kien hemm bizzejjed indizji sabiex it-Tribunal jikkonkludi li l-parti ta' fuq tal-frame tal-linfa kellu difett fiz-zmien li nxtrat.

20. Ghal dak li jirrigwarda rimedju, mhuwiex maghruf jekk illum il-gurnata l-appellanti fadlilhomx mill-istess linef. Ghalhekk ir-rimedju li jifdal hu li jitnaqqas parti mill-prezz tal-linfa li hallas l-appellat. Somma li l-qorti qeghda *arbitrio boni viri* wara li rat ir-ritratti li hemm fl-atti, tillikwida fl-ammont ta' erba' mitt ewro (€400). Fil-fehma tal-qorti meta tqis l-entita' tat-tikek bojod li hemm, is-somma li jippretendi l-appellat (€800) hi eccessiva.

**Ghal dawn il-motivi tiddeciedi l-appell billi:-**

1. **Tilqa' l-ewwel aggravju tal-apellanti u tichad it-tieni aggravju.**

2. **Thassar dik il-parti tas-sentenza tat-Tribunal tal-Konsumatur tat-23 ta' Frar 2018 li biha kkundannat *"... lill-konvenuti illi jirrifondu s-somma ta' elf u mitejn Euro lir-rikorrent bi dritt tal-konvenuti li jiehdu lura l-linfa wara li jsir l-imsemmi hlas",* u minflok tikkundanna lill-appellanti sabiex ihallsu lill-appellat is-somma ta' erba' mitt ewro (€400) bl-imghax mil-lum.**

3. **Spejjez taz-zewg istanzi jinqasmu in kwantu ghal 80% a karigu tal-appellanti u 20% a karigu tal-appellat.**

(ft.) Anthony Ellul
Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur